# Pizza Marinara

Carmel Azzopardi

Taħraq ħierġa mill-forn
il-pizza marinara.
Sabiħa, mlewna, bnina,
baħar aħmar zalza tat-tadam-ċirasa
bil-gambli u l-arzell jixxaħxħu sielma
u l-gandofflu l-kbir jixxemmex
minn wara l-persjana ta' qoxortu.
Tfawwar bis-saħħa l-pizza marinara
bint in-nar tal-ħatab
li jaħji u jsaffi,
frott l-għaraq tal-bidwi
u sforz is-sajjied,
mera ta' dak li hu sewwa
kif għamlu l-ħallieq.

Tibred malajr jaħasra l-marinara,
titlef it-togħma bnina tal-imgħoddi,
il-fwar inin u kollox jisred,
l-ilwien jiċċajpru u jiddennsu,
il-baħar jittabba' bi sfuret il-mewt,
l-arzell u l-gandofflu jidħlu f'qoxrithom
jingħalqu f'tebuthom.
Tixref qajl qajl il-qrusa
tat-telqa li tgħajji u tifleġ,
li tifga u toħnoq
u ddarras is-snien.

Il-marinara ta' dari qed tnawwar,
titmermer u trejjaħ.

Ġa ħiereġ id-dud.